**Għajnejk miskura**

Ħsadttni dalgħodu
X'ħin rajtek kwieta,
Ħassejt ġo qalbi
Li qed tinkwieta.

X'inhu li jtaqqlek
Jagħmillek l-imrar?
Għajjiena tħossok?
Madwarek għargħar?

Tibżax, la titflifx
Tjubitek rari,
Tħallix li wiċċek
Ikun safrani.

Emmen bħal dejjem
Li Kristu miegħek,
Qiegħed iwieżnek
Jrid ikun tiegħek.

Ħallieh int jidħol
Jgħammar f'dik qalbek,
Għalkemm mbikkija
Qed jisma' talbek.

Poġġi irwejsek
Fuq sidru b'tama,
Lest biex jaqilgħek
Mill-qiegħ tal-ħama.

Agħtih dik qalbek
Li f'tiegħu tisrieħ,
Meta jiddawwar
Ibqa' int stennieħ.

Onora oħti
'l-femminiltà,
Kun veru mara
Ħobb l-intimità.

Li hemm fi kliemek
F'għemilek sabiħ,
Ftakar l'int anġlu
Tieqafx issemmih.

Xandru bi mħabbtek
Li int taf tagħti.

Biex ta’ madwarek
Jagħrfu kemm jagħti.

Imħabba lil min
Għandu jmur lura,
Intelaq f’idejh
B’għajnejk miksura.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta’ Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.